KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 87

**Il-Ħamis 24 ta' Jannar 2019**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Anthony Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Simon Paul Fenech – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 87.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

87.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Fenech u l-Kunsillier Bugeja. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

87.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

87.2.2 Il-Kunsillier Vella propona li dawn jiġu approvati filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

87.2.3 Kien hemm qbil bejn kulħadd li ladarba kien hemm l-*accountant* prezenti, għandhom jiġu approvati r-rapporti finanzjarji u mbagħad titkompla l-aġenda.

## 87.3 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Ottubru – Diċembru 2018)

87.3.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tiegħu permezz tal-*email*.

87.3.2 L-*accountant* tal-Kunsill tat spjega u dan ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 87.4 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji Sena Bazi 2018

87.4.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tiegħu permezz tal-*email*.

87.4.2 L-accountant infurmat li l-Kunsill kien spiċċa s-sena b'indikatur finanzjarju ta' 69%. Hija infurmat ukoll li minn din is-sena, il-*fixed assets register* (FAR) kien inbidel minn *reducing balance* għal *straight line* u għaldaqstant kien inbidel il-metodu ta' kif tiġi kkalkulata d-*depreciation*.

87.4.3 L-*accountant* tal-Kunsill tat spjega in ġenerali tal-estimi finanzjarji u dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 87.5 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-Sena 2018

87.5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tiegħu permezz tal-*email*.

87.5.2 Ir-rapport ġie approvat kif prezentat.

## 87.6 Diskussjoni u approvazzjoni tal-Baġit għas-Sena 2019

87.6.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tiegħu permezz tal-*email*.

87.6.2 L-*accountant* tal-Kunsill tat spjega ta' kif tqassam il-baġit għas-sena 2019 u dan ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 87.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku

87.7.1 Is-Sindku staqsa lis-SE jekk kienx hemm xi risposta lura dwar l-iskema finanzjarja favur il-Komunità – Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports fejn il-Kunsill kien qabel li għandu jiġi kreat *outdoor gym* fi Ġnien is-Sinjura. Is-SE infurmat li kienet ifformulat u daħħlet l-applikazzjoni fil-ħin imma għadha ma semgħet xejn lura.

87.7.2 Is-Sindku informa li kien għaddej il-proċess għall-offerta dwar l-eks sptar tal-Imtarfa fejn iż-żmien tal-appell kien skada u għaldaqstant daqt kien se jkun qed jiġi ffirmat il-kuntratt mar-rebbieħ tal-offerta. Huwa informa li skont ma kien ġie infurmat, dan l-offerent kien lest li jtejjeb il-faċilitajiet li jezistu fil-*grounds* bħalissa għall-entitajiet tal-lokal. L-intenzjoni tal-investituri hija wkoll li l-ewwel *intake* tal-istudenti tkun fis-sena 2020 u dan għaldaqstant jagħti x'jifhem li x-xogħol tar-restawr se jinbeda dalwaqt. Bħala ħin li jibdew l-istudenti, kienu qed jirrakkomandaw li jkun id-9:00am ħalli ma jiġġenerawx aktar traffiku. Huma kienu qed jaċċertaw ukoll li l-parkeġġ tal-għalliema kien se jkun kollu ġewwa l-iskola.

87.7.3 Is-Sindku ifnroam li hu u s-SE kienu attendew għal-laqgħa mad-DG fejn kien hemm ftehim fuq ix-xogħol kollu li se jsir fir-rigward tal-ġnien tal-bandli. Huma kienu aċċertaw ukoll li hekk kif ix-xogħol kollu jitlesta, huma kienu se jmexxu bid-devoluzzjoni ta' dan il-ġnien għal idejn il-Kunsill. Fir-rigward tal-inċident il-Kunsill kien ftihem magħhom biex jgħaddu l-lista tal-ispejjez biex tiġi mgħoddija lill-pulizija sabiex isir il-ħlas dovut.

## 87.8 Aġġudikazzjoni tal-offerta tar-Restawr tal-Arloġġ (MTFLC/T/002/2018 - *Reissue*)

87.8.1 Is-SE infurmat li l-bord tal-evalwazzjoni kien iltaqa' u wara li rċieva numru ta' kjarifiċi għall-mistoqsijiet li kienu saru, kien hemm qbil li l-Lot Nru. 1 jintrebaħ mill-offerent li kien iċ-*cheapest compliant*.

87.8.2 Fir-rigward ta' Lot Nru. 2, iz-zewġ offerenti ma kienux *compliant* u għaldaqstant kien hemm qbil li lot 2 għandu jerġa' jinħareġ.

87.8.3 Is-SE infurmat li kienet se tipproċedi skont dawn id-deċizjonijiet.

## 87.9 *Performance Bonus* tas-Segretarju Ezekuttiv u tal-Uffiċjal Ezekuttiv

87.9.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li s-Sinj. Micallef u s-Sinj. Fenech jingħataw il-massimu tal-*Performance Bonus*.

## 87.10 Mawra Gela – Licata u Agrigento (16-19 ta' Marzu 2019)

87.10.1 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li tiġi organizzata mawra għal Ġela, Licata u Agrigento f'Marzu li ġej.

87.10.2 Kien hemm qbil li din tiġi organizzata. Il-Viċi Sindku se jieħu ħsieb jgħaddi d-dettalji kollha lis-SE sabiex jiġi preparat *flyer* biex jitqassam mar-residenti.

## 87.11 Talba għal *sleeping policemen* fi Triq San David

87.11.1 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jitpoġġew zewġ *sleeping policemen* ġodda fi Triq San David, wieħed quddiem Binja Ġebel Dwejra u ieħor quddiem il-Baden Powell Scouts Group.

87.11.2 Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tagħmel talba għal zewġ ranep u li possibbilment dawn għandhom isiru bit-tarmak minflok tal-lastiku. Is-SE se tieħu ħsieb ukoll li jinġabu 3 kwotazzjonijiet.

87.11.3 Fuq talba tal-Kunsillier Mifsud kien hemm qbil li għandha ssir applikazzjoni wkoll għal *sleeping policeman* fi Triq Dar il-Kaptan.

## 87.12 Punti Oħra

87.12.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittre mingħand l-ERA fejn dawn kienu qed jitolbu lill-Kunsill li jagħmel gradilji apposta fl-eks sptar militari sabiex jipproteġi l-friefet il-lejl li hemm u li huma protetti. Il-Kunsill qabel li se jinfurmahom li hemm investitur ġdid u għaldaqstant għandhom jgħaddu din it-talba lilu hekk kif jiġi kkonfermat uffiċjalment.

87.12.2 Is-SE infurmat li kienet irċeviet il-kwotazzjoni għal tpoġġija ta' CCTV's hekk kif talab il-Kunsill. Dawn kienu se jammontaw għal spiza esorbitanti u li tmur oltre mid-*direct order*. Għaldaqstant issuġġeriet li minflok jitmexxew tlieta mill-kameras ezistenti u l-Kunsill iħallas biss taċ-ċaqliq kif ukoll biex tinxtara pannella oħra. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-SE. Hawnhekk infurmat ukoll li bil-liġi l-ġdida tal-GDPR suppost li navzaw lid-*Data Protection Commissioner* bil-*cameras* il-ġodda u għaldaqstant kienet se tibgħat it-talba mill-aktar fis possibbli.

87.12.3 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni min-naħa tad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali fejn dan qed ifakkar lill-Kunsill li jrid ikollu Data Protection Officer (DPO). Huma ssuġġerew li dan ikun magħzul mill-istaff tal-Kunsill però min-naħa tagħha kienet se tivverifika ezatt jekk hux possibbli li tinħatar persuna oħra minn barra għaliex ma tħossx li jkun ġust li l-persuna responsabbli tkun impjegat/a. Il-Kunsill qabel li m'għandux ikun xi ħadd mill-istaff izda li għandu jinstab xi ħadd indipendenti u talab lill-Kunsill tinforma lura b'dan.

87.12.4 Is-SE infurmat li kienet iltaqgħat mal-inġinier u mal-kuntrattur tad-dawl fuq il-problemi tad-dawl tat-*town centre* kif ukoll ta' Ġnien is-Sinjura. Hija spjegat li l-problemi kienu estensivi u li kien jeħtieġ li jinbidlu l-mains kif ukoll possibbilment anke l-fanali nfushom. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tistenna l-kwotazzjonijiet rilevanti u tibgħathomlhom però kienhemm qbil fil-prinċipju li fiz-zewġ kazijiet ix-xogħol għandu jsir imqar b'mod temporanju u mill-aktar fis possibbli.

## 87.13 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana

87.13.1 Il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa li l-Kunsill jissieħeb fl-ECAD, li hija aġenzija li tiġġieled kontra d-drogi u li tieħu ħsieb li torganizza seminars u konferenzi dwar dan. Kien hemm qbil li l-Kunsill jissieħeb.

87.13.2 Il-Kunsillier Mifsud informa li kienet ġiet organizzata t-*Triathlon* min-naħa tar-Reġjun u li kienet suċċess, tant li kien hemm qbil li tibda ssir annwalment. Huwa informa li din kienet bdiet b'għawma fil-bajja tal-Ġnejna, ġirja bir-roti sal-Kunċizzjoni u ġirja sal-Imdina. Ir-rebbieħ kienet persuna mill-Imġarr fost 41 parteċipanti.

## 87.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

87.14.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Vella propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 87.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

87.15.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:20pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 28 ta'Frar 2019 fis-7:15pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 28 ta' Frar 2019.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv